**20 ta' Ġunju 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Toledo et.

*versus*

John Zammit et.

**Soċjetà — Att ta' Konvenju — Dekorrenza tat-Terminu tal-Validità Tiegħu — Obligazzjoni Solidali.**

*Hu veru li fit-teorija legali s-soċjetà għall-finijiet patrimonjali tikkostitwixxi persuna ġuridika diversa mill-persuni fiżiċi tal-membri tagħha; imma meta l-interessi personali tas-soċi huma intimament koinvolti mal-interess tas-soċjetà, din id-distinzjoni tal-persuni, għall-finijiet prattiċi, appena tista' ssir. U għalhekk, fil-każ li diversi persuni jagħmlu att ta' konvenju biex jakkwistaw biċċa art meta l-konċedent ikun fil-pożizzjoni li jagħmlilhom il-konċessjoni, u dan jobbliga ruħu li javżahom meta jkun jista' jittrasferilhom dik l-art, u dawk il-persuni mbagħad jiffurmaw bejniethom soċjetà li huma ma jfurmawx qabel għax kienu għadhom ma akkwistawx dik l-art, u wara l-konċedent javża lil wieħed minnhom li l-kuntratt jista' jsir, it-terminu legali tal-validità tal-att tal-konvenju jibda jiddekorri minn dak l-avviż; u ma jistgħux l-akkwirenti l-oħra jallegaw li t-terminu ma bediex hekk jgħaddi għax l-avviż ingħata lil wieħed minnhom biss u mhux lil kull wieħed minnhom. U*

*dan hu aktar il-każ meta l-persuna hekk awżata kienet mandatarja tal-akkwirenti l-oħra.*

*Lanqas tiswa l-allegazzjoni li dak il-mandatarju ma setgħax jorbot lill-akkwirenti l-oħra; għax dan ifisser biss li hu ma setgħax jikkuntratta jew jikkonkjudi għalihom "obligazzjonijiet ġodda", mentri r-riċezzjoni ta' dak l-avviż hija l-implementazzjoni ta' patt kontemplat fi ftehim ġa konkjuż magħhom il-koll, u la huma ħallew f'idejh għal dak li jirrigwarda kontatti jew kommunikazzjonijiet ma' jew mill-konċedenti, ma jistgħux mbgħad, fl-istess ħin, jgħidu li ma kienx ukoll jorbot lilhom.*

*Jista' jiżdied ukoll li, jekk l-obligazzjoni tal-akkwirenti li jakkwistaw dik l-art kienet "in solidum", u l-mod tal-eżekuzzjoni kontemplat mill-partijiet kien indiviżibbli, dan aktar iseħħ; għax f'obligazzjoni simili l-obligati huma kunsidrati bħala mandatarji ta' xulxin.*

*Teorikament ma jidherx illi, għalkemm it-terminu legali tal-validità ta' att ta' konvenju hu terminu ta' dekadenza, il-konvenju jispiċċa mal-għeluq ta' dak iż-żmien, imma l-kontraent għandu favur tiegħu t-terminu kollu stipulat, u kwindi, dak li jrid jaġixxi kontra tiegħu, hu obligat jistenna ż-żmien kollu jiskadi u jgħaddi kollu qabel ma jista' jaġixxi. Dekors ta' żmien qasir wara l-għeluq tat-terminu, basta ma jkunx hemm indugju mhux neċessarju, ma jwaqqgħax lil min irid jaġixxi mid-dritt li hekk jaġixxi.*

*Iżda dan il-prinċipju ma għandux jiġi stirakkjat b'mod tali li l-fissazzjoni taż-żmien titlef kull tifsir; għax ir-regola ġenerali hija illi, salvi t-termini tal-konvenzjoni partikulari u l-intenzjoni tal-partijiet, meta fl-att tal-konvenju hemm limitazzjoni taż-żmien, il-promittent jibqa' meħlus mill-obligazzjoni tiegħu jekk dak iż-żmien jiskadi mingħajr ma hu jkun ġie mqiegħed in mora biex jeżegwixxi l-obligazzjoni tiegħu. U purkè jkun hemm din l-interpellazzjoni fit-terminu miftiehem, l-azzjoni jeħtieġ li ssir bla dewmien inġustifikat.*

*It-trattattivi li jsiru wara li l-konvenju jkun skada, biex forsi ssir il-konċessjoni kontemplata fil-konvenju, ma jimpurtawx rinunzja għal xi drittijiet derivanti lill-promittent mill-*

*iskadenza tat-terminu; speċjalment meta dawn it-trattattivi jsiru mingħajr preġudizzju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi bi skrittura privata taż-17 ta' Lulju 1953 il-konvenuti obligaw ruħhom li jikkonċedu in subenfitewsi perpetwa lill-atturi l-maħżen u l-bini ta' fuqu numri 14 u 15 Timber Wharf, Marsa, b'ċens jew subċens ta' £240 fis-sena, pagabbli kull sena bil-quddiem, u taħt il-pattijiet indikati f'dik l-iskrittura; u illi, skond l-istess skrittura, il-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika kellu jsir fi żmien tliet xhur minn meta l-konvenuti jkunu ġew fil-pussess legali tal-imsemmi fond per mezz ta' att ta' diviżjoni li kellu jsir bejniethom u terzi persuni; u illi l-konvenuti ġew fil-pussess legali ta' dan il-fond b'att in atti John Spiteri Maempel tat-22 ta' Lulju 1955; u illi, skond l-iskrittura, il-konvenuti kellhom jagħtu avviż lill-atturi immedjatament li jsir l-imsemmi att — ħaġa li huma naqsu jagħmlu; u illi, non ostante s-sejħa ġudizzjarja, l-istess konvenut John Zammit naqas, anzi rrifjuta, jaddivjeni għall-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika skond il-konvenju fit-terminu ta' tliet xhur minn meta l-atturi ġew avżati li hu daħal fil-pussess tal-imsemmi fond: u illi l-kontendenti kienu ġa taw eżekuzzjoni, fl-1953 għall-ftehim minnhom magħmul; talbu illi l-konvenut John Zammit jiġi kundannat jaddivjeni għall-kuntratt ta' konċessjoni enfitewtika tal-fond fuq imsemmi bil-kondizzjonijiet stipulati fl-iskrittura fuq riferita fil-ġurnata, lok u ħin li jiġu stabbiliti, u li jiġi nominat nutar biex jirċievi u jippublika l-kuntratt, u kuratur biex jirrappreżenta lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-28 ta' Lulju 1956. B'riżerva tal-azzjoni għad-danni kontra l-konvenuti;

*Omissis:*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Ottubru 1959, li biha t-talbiet tal-atturi ġew miċħuda, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta soddisfaċente-

*ment illi l-atturi ġew avżati minn għand* il-konvenut Joseph Zammit li l-fond ġie assenjat lilu, u ġew *mitluba* jieħdu l-*passi neċessarji biex jiġi* magħmul l-att tal-konċessjoni ħfitewtika fuq riferita, u li l-attur Toledo, li kien qed jitkellem għall-atturi l-oħra, semmielu l-isem tan-nutar li huma *riedu li jirċievi u jippublika l-kuntratt*, u *li* dan in-nutar ġie nominat għal dan l-oġġett u pprepara wkoll il-minuta, u ġie stabbilit il-jum 28 ta' Ġunju 1956 għall-publikazzjoni tal-kuntratt; però dan il-kuntratt ma sarx, għaliex l-atturi ma riedux illi jsir skond l-att tal-konvenju, billi riedu li l-konċessjoni ma ssirx favur tagħhom personalment, imma favur is-soċjetà ta' bejniethom, u l-konvenut John Zammit ma sabx obbjezzjoni, purkè kull wieħed minnhom jagħmilha *ta' garanti solidali* — *dak li huma ma riedux* jagħmlu; u allura ġew tentati ftehimijiet oħra, imma lanqas dawn ma ġew raġġunti; u sadattant il-konvenju waqa' bil-mogħodija taż-żmien; mbgħad, wara li kien spiċċa l-ftehim skond il-konvenju, l-atturi ppruvaw *irraġġunġu ftehim ieħor*, u dan kien ikun raġġunt, għaliex l-imsemmi John Zammit aċċettah, kieku l-Barclay's Bank — għand min l-atturi rrikorrew — iffornixxa l-flus okkorrenti; u inveru, *fl-isperanza li l-Bank jaderixxi għat-talba* tagħhom, *l*-atturi qalu lin-nutar biex jipprepara minuta ta' kuntratt skond dak il-ftehim, u wieħed minnhom, billi kien sejjer isiefer, irrilaxxja prokura *favur ħuħ biex dan jidher għalieh f'dak* il-kuntratt; iżda l-Bank ma avanzax il-flus, u ma sar xejn. Mbgħad l-atturi ppretendew li jsir il-kuntratt skond il-konvenju; iżda dan kien spiċċa;

Illi għaldaqstant l-istanza ma treġix;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata, u t-talbiet tagħhom jiġu milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti jew min minnhom;

*Omissis:*

Ikkunsidrat:

Bl-iskrittura privata taż-17 ta' Lulju 1953 (fol. 6)

il-konvenuti, minn naħa l-waħda, obligaw ruħhom li jikkonċedu b'ċens perpetwu l-maħżen u l-bini ta' fuqu nri. 14 u 15 Timber Wharf, Marsa, bil-pattijiet hemm imsemmija, lill-atturi li, minn naħa l-oħra, "ilkoll flimkien u in solidum bejniethom" obligaw ruħhom li jieħdu dak iċ-ċens. Fost il-pattijiet ta' dak il-ftehim kien hemm dak nru. 6, li kien igħid hekk:— "Il-kuntratt tal-konċessjoni jsir fi żmien tliet xhur minn meta l-istess sinjuri Zammit ikunu ġew fil-pussess legali tal-istess fond, ċjoè minn meta l-istess fond ikun ġie lilhom assenjat fuq l-att ta' diviżjoni konvenut bejnhom u terzi persuni";

Kien hemm mbgħad il-patt nru. 9, li bih, għall-finijiet kollha tal-patt nru. 6, l-aħwa Zammit obligaw ruħhom li javżaw lil-atturi immedjatament meta jkunu ġew fil-pussess legali tal-fond;

Il-fond ġie eventwalment assenjat lill-konvenuti bil-kuntratt tad-diviżjoni bejnhom u zijiethom fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel tat-22 ta' Lulju 1955;

Il-konvenut Joseph Zammit, li dak iż-żmien kien jamministra l-beni tiegħu u tal-konvenuti l-oħra fl-interess komuni, xehed illi xi tliet ġimgħat wara li sar dak il-kuntratt hu kien informa lill-attur Joseph Toledo li d-diviżjoni kienet saret. Il-kliem li Zammit jgħid li qal lil Toledo kien dan . . . . L-attur Toledo jiċħad fix-xhieda tiegħu illi sar dak id-diskors; u l-Qorti, għall-finiiet ta' din is-sentenza, mhix sejra tagħti każ tiegħu, kif ma jidherx li tat każ tiegħu l-Ewwel Onorabbli Qorti;

In segwitu, fit-3 ta' April 1956, saret suddiviżjoni bejn il-konvenuti, u l-fond in kwistjoni mess lill-konvenut John Zammit waħdu. Dan, jumejn wara, ċjoè fil-5 ta' April 1956, bagħat l-ittra eżibita fol. 10, li biha nforma illi l-fond kien ġie assenjat lilu, u talab illi għalhekk il-ħlas taċ-ċens jibda jsir lilu. Fl-istess ħin hu jal ukoll:— "I beg to notify you to take the necessary steps to enter into the deed of concession at your earliest convenience";

Issa, il-kwistjoni hi jekk din l-ittra tikkostitwix l-avviż

li skond il-patt nru. 9 tal-konvenzjoni fuq imsemmija l-konvenuti kienu obligati li jagħtu lil-atturi għall-finijiet tal-patt nru. 6;

L-atturi jikkontendu, kuntrarjament għal dak li jidher li ġie ritenut fis-sentenza appellata, illi dik l-ittra ma kienetx tissoddisfa r-rekwiżit ta' dak l-avviż, u dan għarraġuni illi dik l-ittra nbagħtet u ġiet indirizzata lil "The Amalgamated Engineering Co. Ltd.", mentri l-konvenju kien sar mal-atturi personalment, u l-avviż kellu għalhekk jingħata lilhom individwalment. Mbgħad, bħala fatt, jgħidu l-atturi, il-kontenut ta' dik l-ittra għad li ġie a konjizzjoni tal-attur Toledo, ma ġiex a konjizzjoni tal-atturi l-oħra ħlief żmien twil wara, u ċjoè wara s-26 ta' Ġunju 1956;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex illi fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ tista' taċċetta l-pretensjoni tal-atturi;

Jidher illi, dak inhar stess li sar il-konvenju in kwistjoni, imma wara — ara verbal fol. 135 — il-ħames atturi kkostitwew bejniethom l-imsemmija soċjetà anonima li tagħha lkoll saru diretturi u l-attur Toledo il-Managing Director. Sar hekk appuntu għaliex l-atturi kienu qegħedin jistennew, biex jagħmlu l-imsemmija soċjetà bejniethom, li jkollhom sedi u "workshop" għal dik is-soċjetà, u dawn ġew f'idejhom preċiżament bis-saħħa tal-konvenju in kwistjoni. Ma jidherx illi fl-imsemmija soċjetà hemm, jew qatt kien hemm, interessati azzjonisti oħra ħlief il-ħames atturi;

Ċertament, fit-teorija legali dik is-soċjetà għall-finijiet patrimonjali, tikkostitwixxi persuna ġuridika diversa mill-persuni fiżiċi tal-membri tagħha. Iżda hawnhekk il-kwistjoni hi dwar avviż li kellu jingħata lill-atturi dwar il-fond li huma kienu sejrin jakkwistaw b'ċens għall-użu ta' dik is-soċjetà, u għall-finijiet ta' dak l-avviż l-interessi personali tal-atturi jidhru li kienu talment koinvolti mal-interessi tas-soċjetà illi d-distinzjoni tal persuna, għall-finijiet prattiċi, appena tista' ssir;

Fi kwalunkwe każ, ma hemmx kwistjoni illi l-imsemmija ittra tal-15 ta' April fil-fatt ġiet a konjizzjoni personali tal-attur Joseph Toledo. Issa, il-Qorti hi soddisfatta mill-provi illi għar-rigward tal-operazzjoni kontemplata fil-*konvenju*, Toledo kien il-mandatarju tal-atturi l-oħra, almenu għal dak kollu li kien jirrigwarda l-kommunikazzjonijiet dwarha mal-konvenuti jew mal-konvenut John Zammit. Fil-petizzjoni tal-appell dan hu ammess testwalment, fejn jingħad illi Toledo kien il-mezz ta' kommunikazzjoni bejn l-atturi u Zammit (fol. 124 tergo). Il-kwalifika magħmula għal din l-ammissjoni, fis-sens illi Toledo beda jitkellem għall-oħrajn biss wara s-26 ta' Ġunju 1956, ma tidherx ġustifikata mill-provi;

Il-mandat favur l-attur Toledo jidher l-ewwelnett mix-xhieda tal-konvenut John Zammit. Dan qal illi kien preċiżament ma' Toledo li saru l-ewwel trattattivi qabel sar *il-konvenju* (fol. 93 tergo); u wara li l-fond ġie assenjat lill-istess John Zammit id-diskors dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt definittiv kien dejjem isir ma' Toledo biex iwassal u jġib risposti lil jew minn għand l-atturi l-oħra. Toledo stess, fix-xhieda tiegħu (fol. 30), il-ħin kollu, bil-mod kif esprima ruħu, jagħtik tifhem illi hu kien dejjem jidher u jaġixxi għall-atturi kollha: "konna nħallsu", "irċevejna ittra", "*bdejna nħallsu*", "*infurmana*", eċċ. huma l-espressjonijiet li uża . . . Oltre dan, l-attur Carmelo Camilleri xehed hekk:— "Aħna ħallejna kollox f'idejn Toledo . . . ";

Veru li l-atturi kważi kollha xehdu illi Toledo ma kienx minnhom awtorizzat li jorbothom; dan però għandu biss ifisser illi Toledo ma setgħax jikkonkjudi jew jikkuntratta għall-atturi l-oħra "obligazzjonijiet ġodda". Iżda r-riċezzjoni tal-avviż kienet merament l-implementazzjoni ta' patt kontemplat fi ftehim ġa konkjuż mill-atturi kollha; u meta huma ikoll stqarru illi "għal dak li jirrigwarda kontatti u kommunikazzjonijiet ma' jew mill-konvenuti huma ħallew kollox f'idejn Toledo", ma jistgħux mbgħad, fl-istess ħin, jgħidu illi *ma kienx ukoll jorbot lilhom. Jekk* huwa ma tax każ tiegħu, jew ma apprezzax l-importanza, mhix ħtija tal-konvenuti. L-ittra tal-avviż kienet tgħid ċar biżżejjed illi kienet qegħdha ssir biex l-atturi jieħdu l-

passi meħtieġa biex jiġi eżegwit il-kuntratt definittiv "at earliest convenience", u naturalment entro t-terminu stabbilit fil-konvenju;

Kieku dak kollu li ntqal ma kienx biżżejjed, kien forsi jista' wkoll jiżdied dan. Kif ġie rilevat aktar il-quddiem, l-obligazzjoni tal-akkwist tal-enfitewsi ġiet kontratta mill-atturi "in solidum", u l-mod tal-eżekuzzjoni kontemplat mill-partijiet kien evidentement indiviżibbli. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza riportata fil-Vol. XXXVI-I-299, l-obligazzjoni solidali ta' żewġ persuni jew iżjed "è una specie di obbligazione particolare che essi adempino insieme, e per questa ragione il fatto di uno è il fatto degli altri, e ciò che è fatto contro uno si considera fatto contro gli altri, per quanto riguarda questa obbligazione comune che hanno contratta insieme; essendosi obbligati tutti solidalmente gli uni per gli altri, essi sono considerati mandatari gli uni per gli altri". Ma hemmx kwistjoni illi l-avviż in kwistjoni kien miżura kontemplata merament "ad conservandam obligationem", u għalhekk kien jaqa' fit-termini ta' dak il-mandat;

Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, għamlet sewwa l-Ewwel Qorti meta rriteniet illi t-terminu ta' tliet xhur stabbilit fil-konvenju għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt għandu jitqies li beda jiddekorri mill-ittra tal-5 ta' April 1956;

L-ittra l-oħra tas-26 ta' Ġunju 1956 bl-ebda mod ma nnewtralizzat l-ittra ta' qabel. Proprjament il-konvenuti, u partikolarment il-konvenut John Zammit, ma kellhom ebda obligu li jibgħatu din it-tieni ittra. Hu kien ta l-avviż rikjest bl-ewwel ittra, u kien imiss lill-atturi, jekk riedu jikkonservaw u jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-akkwist tal-enfitewsi illi jmexxu għall-publikazzjoni tal-kuntratt fit-termini kif kienu ġew stipulati. Invece, kien il-konvenut Zammit li ssolleċita biex il-kuntratt isir. Kien hu li avviċina lill-attur Toledo, u "tramite tiegħu" lill-atturi l-oħra, biex jiġi magħżul in-nutar u titlesta l-minuta tal-kuntratt. Infatti, bit-tħabrik tiegħu ġie ffissat man-Nutar Gatt il-jum tat-30 ta' Ġunju għall-publikazzjoni tal-att; u l-ittra tas-26 ta' Ġunju (fol. 11) kienet intiża biss biex tgħarraf

lill-atturi b'dan l-appuntament. Anki din l-ittra ġiet indirizzata fis-sede tas-soċjetà; u għalkemm fuqha kien hemm l-ismijiet tal-ħames atturi, però intbagħtet f'oriġinal wieħed u bla ebda kopji. Dan il-fatt mhux spjegabbli biċ-ċirkustanza biss illi fuq din it-tieni ittra kien hemm l-ismijiet tal-atturi kollha; għax Toledo ma setgħax possibbilment qatt kellu ebda dubju illi l-ewwel ittra wkoll kienet għall-informazzjoni ta' kulħadd; tant illi hu xehed, fuq domanda in kontro-eżami tal-avukat tal-konvenut John Zammit (fol. 31) illi, "kieku ta każ tat-tieni paragrafu ta' dik l-ittra tal-5 ta' April, lid-diretturi l-oħra kien javżahom";

Fid-data miftehma man-nutar il-kuntratt ma sarx, għaliex l-atturi, jew almenu xi wħud minnhom, riedu illi l-konċessjoni ssir mhux kif hemm fil-konvenju, ċjoè lill-atturi personalment u bil-garanzija solidali ta' kull wieħed minnhom, iżda lis-soċjeta';

Sa hawn, mela, ġie stabbilit illi t-terminu għall-publikazzjoni tal-kuntratt miftiehem fil-konvenju beda jiddekorri mill-5 ta' April 1956;

Iżda jgħidu l-atturi, ankorkè dan kien hekk, il-konvenju ma spiċċax; u dan għal żewġ raġunijiet;

L-ewwelnett, huma ma kienux obligati li jaġixxu ġudizzjarjament għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt qabel ma għaddew it-tliet xhur sħaħ, anzi sa terminu raġjonevoli wara. Teorikament, din id-deduzzjoni tal-atturi tidher konfortata minn xi sentenzi. Infatti, ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża "Salvatore Portelli vs. Giuseppe Tabone", maqtugħa fit-28 ta' Marzu 1924 (sentenza mhix stampata) — u l-insenjament ġie adottat mill-Prim'Awla fil-kawża "Antonio Borg vs. Commander Sidney Erle Nicholle" (Kollez. Vol. XXIX-II-828) — illi, għalkemm it-terminu stabbilit f'konvenju bħal dak in kwistjoni hu terminu ta' dekadenza, il-konvenut kontraent għandu favur tiegħu t-terminu kollu stipulat u kwindi dak li jrid jaġixxi kontra tiegħu huwa obligat jistenna ż-żmien kollu jgħaddi qabel ma jista' jintenta l-azzjoni. Inoltre, dekors ta' żmien qasir wara l-għeluq tat-terminu, basta ma jkunx induġju mhux

neċessarju, ma jwaqqgħax lil min irid jaġixxi mid-dritt li hekk jaġixxi;

Issa, jekk stess jiġi adottat l-istess prinċipju, il-fatti tal-każ preżenti ma jadattawx ruħhom tajjeb miegħu. Fil-kawża "Portelli vs. Tabone" fuq imsemmia, iċ-ċitazzjoni saret fi żmien tnax il-ġurnata mill-għeluq taż-żmien, u waqt stess li dan iż-żmien kien għadu miexi kienet saret interpellazzjoni ġudizzjarja. Fil-kawża "Borg vs. Erle Nicholle" iċ-ċitazzjoni saret fil-ġurnata stess li kien għalaq iż-żmien. Dawn il-fattispeċje kienu ġew meħudin f'konsiderazzjoni speċjali mill-Qorti deċidenti. Invece, fil-każ preżenti, l-ewwel protest ġudizzjarju tal-atturi sar tlieta u għoxrin ġurnata wara li kienu għaddew it-tliet xhur mifthema, u è-ċitazzjoni (li, trattandosi ta' dekadenza, hi verament l-att importanti) ma saretx ħlief fil-21 ta' Settembru, ċjoè xahrejn u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti, il-prinċipju fuq imsemmi ma jistgħax jiġi stirakkjat bil-mod li jridu l-atturi mingħajr ma l-fissazzjoni taż-żmien konvenzjonali titlef kull tifsir. Għax ir-regola ġenerali hija illi, salvi t-termini tal-konvenzjoni partikulari u l-intenzjoni tal-partijiet, "quando in un contratto di promessa di vendita o di acquisto di fondo vi è limitazione di tempo, spirato tale tempo il promittente resta di pieno diritto liberato dalla sua obbligazione, se nel decorso del termine non è stato messo in mora per eseguirla" (Kollez. Vol. XXI-I-573). Purkè jkun hemm din l-interpellazzjoni fit-terminu miftiehem, l-azzjoni jeħtieġ issir bla dewmien inġustifikat;

L-atturi però jissottomettu wkoll illi, wara l-ittra tas-26 ta' Ġunju 1956 bdew isiru trattattivi bejn il-partijiet, li baqgħu sejrin għal ġimgħat sħaħ, u minn dawn jidher illi l-partijiet riedu li sakemm isiru dawn it-trattattivi ma kellha topera ruħha ebda dekadenza tal-konvenju;

Fuq din is-sottomissjoni l-Qorti tħoss illi ma għandhiex bżonn tirrileva ħlief dan biss. L-atturi stess jammettu illi dawn it-trattattivi, biex jaraw jistgħax jinstab ftehim biex il-konċessjoni ssir lis-soċjetà f'lok lill-atturi personalment (għax dawn tal-aħħar hekk xtaqu), bdew "wara" li l-konvenju kien ġa skada u saru kollha espressa-

ment "bla preġudizzju". Joseph Toledo xehed . . . L-attur Carmelo Ellul Sullivan xehed . . . Hekk ukoll xehed l-attur Camilleri . . . Dan hu kollu konfermat mill-konvenut John Zammit, li jgħid li hu avża lill-attur Toledo illi d-diskors kollu li kien ser isir wara li l-konvenju kien skada kien ser isir "bla preġudizzju";

F'dawn iċ-ċirkustanzi żgur li ma jistgħax jingħad illi l-konvenuti rrinunzjaw għal xi drittijiet derivanti lilhom mill-iskadenza tat-terminu;

Ma' dan jista' forsi jiżdied illi anqas il-ftehim il-ġdid, li jidher li kien ġie raġġunt, ma seħħ, non ostante li saħansitra kienet anki ġiet mifthema d-data għall-publikazzjoni tal-kuntratt u l-attur Salvino Ellul Sullivan ħalla l-prokura meħtieġa (fol. 107); mhux għal xi ħtija tal-konvenuti. iżda unikament għaliex l-atturi ma rnexxielhomx jottjenu minn Barclay's Bank l-"overdraft", ossija l-kapital li huma talbu biex jistgħu jħallsu s-somma mifthema;

Għalhekk din il-Qorti ma ssibx raġuni biex ma taqbelx mal-konklużjoni fil-meritu raġġunta mill-Ewwel Qorti;

L-atturi, però, jilmentaw ukoll mis-sentenza appellata in kwantu waħħlithom l-ispejjeż tal-konvenuti, barra John Zammit. Billi dawn ġew ċitati "jekk jidhrilhom li għandhom interess", l-atturi jippretendu illi huma kellhom ibatu l-ispejjeż tagħhom;

Iżda anqas dan l-ilment tal-atturi ma hu fondat. L-ewwelnett, fin-noti tal-eċċezzjonijiet ta' dawn il-konvenuti ma jingħadx dak li hu allegat fil-petizzjoni tal-appell (fol. 125). Huma ma qalux affattu "illi ma għandhomx interess . . . . u ma kellhomx għalfejn jikkontestaw l-azzjoni"; anzi huma kkontestaw l-azzjoni, billi l-ewwelnett eċċepew illi kienu taw l-avviż kontemplat fil-konvenju, u, għad li żiedu illi l-fond kien sar ta' proprjetà esklużiva ta' John Zammit, eċċepew illi d-domandi in kwantu diretti kontra tagħhom kienu fid-dritt u fil-fatt infondati u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-atturi (fol. 15 u fol. 17). L-atturi li minn qabel ma għamlu ċ-ċitazzjoni kienu jafu li

l-fond kien ġie assenjat lill-konvenut John Zammit waħdu, anzi semmew dan il-fatt espressament fiċ-ċitazzjoni, setgħu mill-ewwel; jekk dehrilhom, ma jiċċitaw xejn lill-konvenuti l-oħra. Huma għażlu li jiċċitawhom "jekk jidhrilhom li għandhom interess", ċjoè irrimettew ruħhom għall-ġudizzju tagħhom dwar l-interess li seta' kellhom fil-kawża. Dawn il-konvenuti fil-fatt dehrilhom li kellhom interess (u din il-Qorti jidhrilha li tassew kellhom), u kkontestaw il-kawża. Għalhekk l-atturi ma jistgħux jinvokaw is-sentenza ċitata minnhom fil-petizzjoni, fejn ġie ritenut illi min ikun konvenut f'dik il-forma ma jistgħax jirrepeti l-ispejjeż tiegħu "se risulta non aver egli interesse nel giudizio e dichiara egli stesso di non avere";

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u fl-ispejjeż; bl-ispejjeż tal-appell kontra l-atturi.